Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 237/15/1

**S&R (Handaq) Ltd (C-5790) (appellata)**

**vs**

**JDS Limited (C-15708) (appellanti)**

**u b'digriet datat 6 ta' Novembru 2015 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjeta` JDS Furniture Ltd (C-15710) (appellanti)**

4 ta' Ġunju 2018.

1. **Din hija talba għall-ħlas tas-somma ta' €2,517.81 rappreżentanti prezz ta' lostru li biegħet l-attriċi.**

2. <u>Fl-Avviż tal-24 ta' Marzu 2015</u> ippreżentat quddiem it-<u>Tribunal għal Talbiet Żgħar</u>, is-soċjeta` attriċi S&R (Handaq) Ltd ippremettiet illi s-soċjeta` konvenuta debitriċi tagħha fl-ammont ta' <u>€2,517.81</u>, prezz ta' merkanzija li xtrat mingħandha, u dovut skont l-i*statement* (Dok A1). Spjegat illi minkejja li ġiet interpellata tħallas tali ammont bl-ittra ġudizzjarja 2750/13 mibgħuta *ai termini* tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Dok B), il-ħlas baqa' ma sarx. Għalhekk talbet lit-Tribunal sabiex:

   (i) Jiddikjara lis-soċjeta` konvenuta bħala debitriċi tagħha fl-imsemmi ammont jew somma verjuri li tista' tiġi deċiża; u

   (ii) Jordna lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallasha tali ammont jew somma oħra verjuri.

   Bl-ispejjeż ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji inkorsi minnha in konnessjoni ta' dan id-debitu, inkluż tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Novembru 2013 (Nru. 2752/13) annessa mal-avviż, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-fattura sad-data tal-effettiv pagament bl-ogħla rati ai termini.

3. <u>Fir-Risposta tagħha tat-8 ta' April 2015</u> is-soċjeta` konvenuta JDS Ltd wieġbet biex tgħid illi:

(i) Preliminarjament hija mhix il-leġittima kontradittriċi f' din il-kawża u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, peress li r-relazzjoni ġuridika kienet bejn is-soċjeta` attriċi u s-soċjeta` JDS Furniture Ltd (C-15710);

(ii) F'kull każ u b'mod preliminari ukoll, l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili;

(iii) F'kull każ u mingħajr preġudizzju ukoll, it-talbiet tas-soċjeta` attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` JDS Furniture Ltd, u dan peress li l-materjal supplit kien difettuż u intuilizzabbli u hija inkorriet spejjeż ta' madwar €4,500 sabiex tagħmel ix-xogħlijiet rimedjali, u għalhekk jekk xejn hija s-soċjeta` attriċi li għandha tħallas lis-soċjeta` JDS Furniture Ltd.

(iv) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

4. Fis-seduta tal-15 ta' April 2015 it-Tribunal laqa' t-talba tas-soċjeta` attriċi biex tiġi kjamata fil-kawża s-soċjeta` JDS Furniture Ltd. John Sammut fil-kwalita' tiegħu ta' direttur tas-soċjeta` kjamata fil-kawża JDS Furniture Ltd ta ruħu b'notifikat bit-talba u l-avviż tas-smigħ. Id-difensur iddikjara li r-risposta tas-soċjeta` konvenuta JDS Ltd tapplika wkoll għaliha.

5. Fis-seduta tat-28 ta' April 2015 id-difensur tas-soċjeta` konvenuta u s-soċjeta` kjamata fil-kawża iddikjara li l-paragrafu applikabbli mill-Artikolu 2148 tal-Kap 16 huwa (b).

6. **Fil-15 ta' Lulju 2015 it-Tribunal ċaħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.**

7. Fis-16 ta' Ottubru 2015 is-soċjeta` konvenuta spjegat li kienet diġa notifikata b'żewġ talbiet: dik odjerna (237/2015/VG) u dik fl-ismijiet *Brincat's Co Ltd vs JDS Ltd* (238/2015/GB). Abbażi tal-Artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta talbet li tali żewġ kawżi jinstemgħu quddiem l-istess ġudikant.

8. Fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2015 it-Tribunal laqa' t-talba u ordna li l-kawża fl-ismijiet *Brincat's Co Ltd vs JDS Ltd* (238/2015) tinġieb quddiemu u titqiegħed fuq il-lista tiegħu.

9. **Fis-sentenza li ingħatat fid-29 ta' Settembru 2016**, it-Tribunal:

(i) ċaħad l-eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta JDS Ltd li hija mhix il-leġittima kontradittriċi;

(ii) ċaħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta JDS Ltd u s-soċjeta` kjamata fil-kawża JDS Furniture Ltd;

(iii) **laqa' t-talba tas-soċjeta`** attriċi u konsegwentement ikkundanna lis-soċjeta` konvenuta JDS Ltd u s-soċjeta` kjamata fil-kawża JDS Furniture Ltd biex iħallsuha s-somma ta' **€2,517.81**, bl-imgħaxijiet skont ma hemm maħsub fl-Artikolu 26A tal-KA 13 tal-Liġijiet ta' Malta mid-data ta' meta kull ammont kien dovut skont il-fatturi esebiti sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż a karigu tas-soċjeta` konvenuta u tas-soċjeta` kjamata fil-kawża.

10. Il-konvenuta u l-imsejħa fil-kawża appellaw mis-sentenza u talbu lil din il-qorti sabiex:

(i) <u>tirrevoka</u> s-sentenza appellata tad-29 ta' Settembru 2016, tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom, u tiċħad it-talbiet tas-soċjeta` attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` attriċi;

(ii) jew (alternattivament) <u>tirriforma</u> s-sentenza appellata tad-29 ta' Settembru 2016 billi:

(a) tirrevokaha in kwantu ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta` JDS Ltd, u minflok tilqa' tali eċċezzjoni, bl-ispejjeż ta' JDS Ltd a karigu tas-soċjeta` attriċi, u

(b) tvarjaha fejn ikkundannat lis-soċjeta` kjamata fil-kawża JDS Furniture Ltd tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' €2,517.81, bl-imgħaxijiet skont ma hemm maħsub fl-Artikolu 26A tal-Kap 13 mid-data ta' meta kull ammont kien dovut sad-data tal-ħlas effettiv u l-ispejjeż, u minflok tirriduċi l-istess ammont għal wieħed ġust u ekwu fid-dawl tat-tielet eċċezzjoni, bl-imgħaxijiet mid-data tas-sentenza finali, u bl-ispejjeż jinqasmu proporzjonalment bejn is-soċjeta` kjamata fil-kawża JDS Furniture Ltd u s-soċjeta` attriċi appellata.

11. **L-aggravji tas-soċjetajiet appellanti huma dawn:**

- Huma ilmentaw li t-Tribunal żbalja meta ċaħad l-eċċezzjoni tal-leġittimu kontradittur (fil-konfront tas-soċjeta` JDS Ltd). Isostnu li r-relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti kienet biss bejn is-soċjeta` attriċi S&R Handaq Ltd u JDS Furniture Ltd.

- Jilmentaw ukoll li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-eċċezzjoni li l-materjal ikkonsenjat kien difettuż. Jgħidu illi minkejja li dan il-fatt jirriżulta mill-provi, u minkejja l-fatt li, in parte, ġie konfermat ukoll mis-soċjeta` attriċi stess, ġie skartat mit-Tribunal.

12. <u>Fir-risposta tagħha tal-4 ta' Awwissu 2017</u> is-soċjeta` attriċi S&R (Handaq) Ltd wieġbet biex tgħid għaliex l-appell għandu jiġi miċħud.

- Dwar l-eċċezzjoni tal-leġittimu kontradittur, taċċenna għall-fatt illi s-soċjeta` JDS Ltd qatt ma qalet li ma kinix il-leġittimu kontradittur, kemm fir-rigward tal-fatturi li huma indirizzati "JDS Ltd JDS Furniture", u kif ukoll meta' ntbagħtet tal-ittra uffiċjali.

- Dwar it-tielet eċċezzjoni (li l-materjal supplit kien difettuż) taċċenna għall-fatt li t-Tribunal stess osserva li ma kien hemm l-ebda prova sufficjenti, u in oltre qatt ma saret xi kontro-talba f' dan is-sens.

- Finalment targumenta li ż-żewġ talbiet magħmula mis-soċjetajiet appellanti huma legalment insostenibbli peress li huma konfliġġenti u kontradittorji għaliex fl-istess nifs qed jgħidu li l-ammont huwa dovut, u li l-ammont mhux dovut kollu.

**Konsiderazzjoni.**

**L-ewwel aggravju**: *l-allegat nuqqas ta' relazzjoni ġuridika ma' JDS Furniture Ltd*

13. It-Tribunal ikkunsidra:-

    - li l-fatturi eżibiti mis-soċjeta` attriċi huma kollha intestati "*JDS Ltd JDS Furniture*", u li ma nġiebet l-ebda prova biex jintwera li s-soċjeta` JDS Ltd qatt opponiet għall-mod kif kienu qegħdin joħorġu l-fatturi; u

    - li fit-tweġiba tagħha għall-ittra uffiċjali li saret a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12, fl-ismijiet "*S&R (Handaq) Ltd (C-5790) vs JDS Ltd (C-15708)*" hija opponiet l-eżekuzzjoni tagħha għaliex "*mhuwiex minnu li l-ammont pretiż huwa ċert, likwidu u dovut*", u imkien ma qanqlet xi kwistjoni li ma kellha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta` attriċi fir-rigward tal-ammont pretiż.

    u għalhekk ċaħad l-ewwel eċċezzjoni.

14. Għalkemm l-appellanti jsostnu illi hija s-soċjeta JDS Furniture Ltd (biss) li timmanifattura l-għamara u tikkuntratta mal-fornituri tal-materja prima li jkollha bżonn, ma tressqux provi li juru illi r-relazzjoni kienet biss ma' JDS Furniture Ltd.

15. L-appellanti jargumentaw illi l-fatt li ma saritx oppożizzjoni għall-mod kif l-attriċi għoġobha tintesta l-fatturi, ma jistax jiġi interpretat li dawn ġew

aċċettati, jew li r-relazzjoni ġuridika kienet bejn l-attriċi u s-soċjetajiet li jissemmew fil-fatturi. Jargumentaw ukoll illi l-fatt li s-soċjeta` JDS Ltd ma qajmitx il-kwistjoni dwar in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika fit-<u>tweġiba għall-ittra uffiċjali</u>, ma jfissirx li hija rrinunzjat għal tali eċċezzjoni.

16. Il-kontijiet dejjem ħarġu f'isem JDS Ltd. M'hemmx prova li qatt kien hemm oġġezzjoni minn JDS Ltd ghal dawn il-kontijiet. Li kieku JDS Ltd ma kellhiex x'taqsam il-probabbilta hi li l-attriċi kienet tiġi nfurmata li dik il-kumpannjia ma kinitx qegħda tixtri l-oġġetti. Dan apparti li fuq bażi ta' probabbilta l-attriċi ngħatat it-tagħrif minn John Sammut. Fl-atti hemm ukoll *delivery notes* li nħarġu f'isem JDS Ltd u ffirmati li saret il-konsenja.

17. Inoltre, f'Diċembru 2013 JDS Limited ippreżentat nota fl-atti tal-ittra eżekuttiva 2752/2013 fejn iddikjarat li *"qegħda topponi l-eżekuzzjoni tal-imsemmija ittra uffiċjali billi mhuwiex minnu li l-ammont pretiż huwa ċert, likwidu u dovut"*.[1] Kliema li altru milli jindika li kienet teżisti relazzjoni ġuridika. Min ma jkollux relazzjoni ġuridika ma' dak li jippretendi li hu kreditur, ma jweġibx b'dak il-mod.

**<u>It-tieni aggravju</u>**: *l-allegat lostru difettuż*

18. Fit-tielet eċċezzjoni tagħhom is-soċjetajiet appellanti eċċipew illi l-materjal supplit kien difettuż u inutilizzabbli tant li kellhom isiru xogħlijiet rimedjali fl-ammont ta' "madwar" €4,500.

19. It-Tribunal ikkunsidra li l-kwistjoni kollha kienet iddur fuq il-kredibilita` tax-xiehda. It-Tribunal ikkonkluda li l-konvenut u l-imsejħa fil-kawża ma ppruvawx li l-lostru kien difettuż, u ċaħad it-tielet eċċezzjoni.

20. Is-soċjetajiet appellanti jilmentaw illi t-Tribunal naqas milli jagħti piż l-ilment tagħhom minkejja li Gregory Brincat, f'isem is-soċjeta` attriċi appellata,

[1] Fol. 46.

ikkonferma li kien hemm problema fuq lostru partikolari. Huma ħassew ruħhom aggravati bil-fatt li t-Tribunal qagħad fuq il-verżjoni ta' Gregory Brincat u mhux ta' John Sammut, u li minkejja li kkummenta li huma kellhom itellgħu imqar xhur ieħor, dan lanqas is-soċjeta` attriċi m'għamlitu. Jilmentaw ukoll illi minħabba l-lostru ħażin kellhom ibiddlu l-maġġor parti ta' kċina, u jgħidu li dan swielhom madwar €4,000 (fl-eċċezzjonijiet isemmu l-figura ta' €4,500).

21. Il-qorti kkunsidrat il-provi relatati mat-teżi li l-lostru li nxtara kien difettuż:

- Fl-ewwel lok is-somma ta' €2,517.81 tirrigwarda disa' fatturi datati 31 ta' Ottubru 2011 sa 19 ta' Diċembru 2011 (rappreżentanti konsenji ta' merkanzija li saru bejn is-26 ta' Ottubru 2011 u l-15 ta' Diċembru 2011 rispettivament).[2]

- <u>Gregory Brincat</u> (*general manager* tas-soċjeta` attriċi) fix-xiehda tiegħu tat-28 ta' April 2015[3] qal illi d-disa' fatturi huma għall-bejgħ ta' lostru u *thinner.* Qal li John Sammut qatt ma ċaħad li kellu jagħti l-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi (cioe` relattiv għad-disa' fatturi), u sostna li meta kien talbu l-ħlas kien qallu li appena jitħallas mis-Sea Bank kien ser jgħaddilu pagament. Sostna li wara li dam madwar sena jiġri wara John Sammut għall-flus, qallu li ma kellux triq oħra ħlief li jfittxu għall-flus, u kien f'dak l-istadju li Sammut wieġbu li ser iħarrku għall-lostru ħażin. Spjega li l-lostru msemmi fil-fatturi huwa kollu l-istess ħlief għal dak li huwa indikat fuq il-<u>fattura bin-numru 19271</u> (Dok GB4) datata 30 ta' Novembru 2011.

- Kontro-eżaminat enfasizza illi:
  *"l-unika darba li John Sammut lili qatt qalli li l-lostru kien ħażin kien l-aħħar darba li mort inkellmu wiċċ imb'wiċċ u cioe` għall-ħabta ta' Diċembru elfejn u tnax (2012) u l-għaliex il-bqija qatt ma qalli illi kien hemm xi problemi fuq il-lostru."*

- <u>John Sammut</u> (mis-soċjetajiet appellanti) ikkonferma fix-xiehda tiegħu tat-28 ta' April 2015[4] illi huwa minnu li kien qal lis-sur Brincat li tas-Sea Bank kienu għadhom ma ħallsuhx, għalkemm ippreċiża li l-merkanzija mertu tal-kawża ma kellhiex x'taqsam mas-Sea Bank. Spjega illi Gregory Brincat kien mar għandu, "*biex isolvi l-problema tal-lostru u kien jitlobni l-ħlas*". Qal li Gregory Brincat kien anke sprejja hu personalment u kienu anke biddlu t-*thinners.*

- F'xiehda sussegwenti tat-28 ta' Jannar 2016[5], <u>John Sammut</u> xehed illi

[2] Fatturi u delivery notes relattivi: Dok GB4 sa GB9 (fol 24 sa 41).
[3] xiehda ta' Gregory Brincat tat-28.04.2015, fol 19-22.
[4] xiehda ta' John Sammut tat-28.04.2015, fol 22.
[5] xiehda ta' John Sammut tat-28.01.2016, fol 91.

madwar 25 sena ilu kien jixtri l-lostru mingħand Gregory Brincat imbagħad għamel żmien twil ma jixtrix mingħandu. Fis-sena 2011 kien reġa' beda' jixtri l-lostru mingħand l-attriċi u kien qed jaħdem bih. Kompla jixtri konsenji oħra ta' lostru, iżda f' daqqa waħda innota li l-*finishing* ma bediex joħroġ kif suppost: il-lostru kien qed jinqasam. Qal li fir-rigward ta' xi ilmenti żgħar li kellu mal-klijenti dawn ġew irranġati iżda kien hemm problema kbira fir-rigward ta' xi kċina. Qal li kellhom iġibu x-xogħol lura mingħand il-klijenta, barxuh, għamlu l-istain u reġgħu sprejjawha bl-istess lostru; spjega li s-soċjeta` attriċi kienet biddlitilhom xi *thinners* biex setgħu jisprejjaw it-tieni darba. Qal li minkejja li sprejjawha t-tieni darba, il-klijenta ċemplitilhom biex tgħidilhom li l-lostru kien reġa inqasam. Spjega li sussegwentement reġgħu ilmentaw mas-soċjeta` attriċi u kien mar personalment Gregory Brincat, u dan fil-preżenza ta' ibnu David Sammut. Qal li sar test fuq bieba tal-kċina bit-*thinner* u l-lostru tas-soċjeta` attriċi iżda għat-tielet darba reġgħu irriżultaw il-krekjaturi. Qal li Gregory Brincat qalilhom li dan kien qed jiġri għaliex il-pompa ma kinitx tajba u għalhekk ġabilhom *spray gun* u huma qalulu biex jisprejja bieba hu personalment. "*Huwa fil-fatt hekk għamel u meta nixfet reġgħet ġiet ikkrekkjata din il-bieba.*" Qal li spiċċaw kellhom jarmu l-bibien kollha tal-kċina u għamlu kollox mill-ġdid, din id-darba bi spray mixtri mingħand terzi.

- Sammut ippreżenta kopja tal-*email* li rċevew mingħand il-klijenta fir-rigward tal-kċina. (Dok JS1)[6].Skont dan l-*email* (datata 1 ta' Jannar 2012), miktub minn ċertu "Abigail", lil ċertu "Jennifer" (mis-soċjeta` attriċi) jirriżulta li hija kienet ordnat xi kċina mingħand "JDS". Hija tilmenta illi:

  "*it got partly delivered to me on the 28th November (2011) and to my dissatisfaction, a few days after I went to clean it I realized that the doors were cracked. On the 5th of December Chris took whatever he could so it gets fixed…Doors were once again going to be delivered on the 27th of December and once again I went to clean the kitchen door that were installed….and I once again found a total mess – **the doors were once again cracked**. On December 30th John came to see it and he himself was furious at what he saw. Basically he once again told me that the spray had cracked once again and not because it wasn't fixed. He marked the doors which have to be replaced with tape….you will get them tomorrow Monday the 2nd of January 2012……..I therefore request and exact date of when the rest of my kitchen will be delivered….I really do hope that this time you deliver it right and properly with no cracks.*"

- Gregory Brincat, li fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2016[7] xehed wara John Sammut, innega li huwa sprejja xi bieba tal-kċina personalment. Anzi qal li "*assolutament mhux minnu".* Xehed li huwa kien sempliċment ħadlu xi *nozzles* tal-*ispray gun* peress li dan ma kienx qed jisprejja sew, u li "*wara li biddilt in-nozzles il-gun beda jaħdem sew.*" Enfasizza li tul iż-żmien li kien għamel jiġri wara Sammut għall-flus qatt ma rċieva xi ilmenti dwar lostru. Spjega li għalkemm Sammut kien qallu li kellu problema bil-kċina ma qallux li dan kien minħabba l-lostru li xtara mingħandu. Ippreċiża li meta kien mar, ma kienx minħabba li qallu li kien hemm problema fuq il-lostru supplit

[6] Dok JS1, fol 97-99.
[7] Xiehda ta' Gregory Brincat tat-28 ta' Jannar 2016, fol 94-95.

mis-soċjeta` attriċi;

*"Meta kien semmieli l-gun jiena ma kontx mort fuq il-problema tal-lostru, mort il-għaliex hu kien qalli li kellu problema bil-gun u hekk għamilt, ħadtlu n-nozzles u l-gun. Huwa kien qalli sabiex inġib il-gun xorta pero ` nerġa' ngħid illi ma kien semmieli xejn fuq il-lostru."*

22. L-unika prova li l-lostru kien difettuż hi d-deposizzjoni ta' Sammut, kontestata minn Brincat. Veru wkoll li hemm l-email. Pero' l-ilment li sar mill-klijenta, mhijiex prova li l-lostru kien difettuż. Fl-*email* tissemma biss, *"cracking in the doors"*. Dan apparti li l-verżjoni li ta Sammut waqt is-seduta tal-4 ta' Marzu, 2016 lanqas ma ġiet korraborata minn xhieda oħra, bħal David Sammut u l-awtriċi tal-*email*. Kien fl-interess tal-appellanti li jressqu l-provi kollha li kienu disponibbli biex jikkonvinċu lit-Tribunal mill-verżjoni li ta John Sammut.

23. L-appellanti jsostnu li saħansitra ma baqgħux jinnegozjaw mal-attriċi. Pero' Gregory Brincat xehed li wara Diċembru 2011 komplew jixtru l-lostru, *on a cash basis*. F'kull każ il-fatt li jista' jkun li l-appellanti ma baqgħux jixtru mingħand l-attriċi, ma jfissirx li kien minħabba li probabbilment il-prodott kien difettuż. L-appellanti hekk isostnu, pero' xorta kellhom l-oneru li jagħtu prova li l-prodott kien difettuż.

24. It-Tribunal lanqas ma kellu quddiemu prova teknika li t-tip ta' qsim li kien hemm fil-lostru, kien probabbilment minħabba prodott difettuż jew xi raġuni oħra. Jekk verament il-prodott kien difettuż, kien fl-interess tal-appellanti li fiż-żmien relattiv jikkonservaw il-provi għal quddiem. It-Tribunal żgur li m'għandux l-għarfien tekniku biex mill-ftit tagħrif li ngħata jikkonkludi li dak li ġara kien minħabba prodott difettuż li nxtara mingħand l-attriċi.

25. John Sammut stess xehed li lil Gregory Brincat kien qallu li kien għadu ma tħallasx mingħand is-*Seabank Hotel*. Sammut ma spjegax f'liema kuntest kien qal dawk il-kliem lil Brincat, li ma jirrizultax li kellu x'jaqsam mas-*Seabank*. Għalhekk dak li xehed Brincat isir kredibbli.

26. M'hemmx dubju li jekk verament kien hemm difett, dan ma kienx fir-rigward

tal-prodotti kollha li nxtraw mingħand l-attriċi. L-appellanti qalu li ressqu prova li d-difett fil-kċina ta' Mifsud kienet swiet is-somma ta' €4,000, *"u dan peress li kellhom jibdlu prattikament il-maggior parti tal-kċina"*. Fil-fehma tal-qorti mhemmx biżżejjed dettalji li jistgħu jwasslu lill-qorti sabiex tikkonkludi li din il-verżjoni hi minnha. Dan apparti li fit-tweġiba ssemmiet is-somma ta' €4,500 spejjeż, *"sabiex tagħmel ix-xogħlijiet rimedjali kollha meħtieġa"*. Apparti d-diskrepanza, hawn ukoll l-oneru tal-prova kien fuq l-appellanti.

27. Wara li l-qorti kkunsidrat il-provi ma taqbilx li t-Tribunal kellu bilfors jaqta' l-kawża fil-meritu favur il-konvenuta u l-imsejħa fil-kawża. L-apprezzament tal-provi jsir mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar, u bil-mod li rraġuna m'hemm xejn gravi li jista' jikkonvinċi lil din il-qorti li dwar il-meritu l-attriċi ma kellhiex toħroġ rebbieħa.

28. Jiġi ppreċiżat illi kuntrarjament għal dak li jgħidu s-soċjetajiet appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom, mhux minnu li s-soċjeta` attriċi ammettiet li kien hemm problema f'konsenja minnhom. Gregory Brincat sempliċiment xehed illi s-soċjetajiet appellanti kienu qed jilmentaw bil-lostru indikat fuq il-fattura nru 19274, liema lostru huwa differenti mill-bqija tal-lostru konsenjat. Fil-fatt dan għandu *item code* differenti u fih "*20% lacquer*". B'daqshekk ma jfissirx li kien hemm ammissjoni li l-lostru kien difettuż.

29. B'riferenza ghall-ilment li t-Tribunal m'applikax il-prinċipju tal-ekwita, dan il-każ ma kellu xejn x'jaqsam mal-ekwita. Il-meritu tal-kawża ġie deċiż fuq apprezzament tal-provi.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.